**_Ruling_ mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 53 tal-Erbgħa, 15 ta' Novembru 2017 dwar mistoqsijiet supplimentari**

Fis-seduta ta' lbieraħ, tal-14 ta' Novembru 2017, waqt il-ħin tal-mistoqsijiet inqalgħet kwestjoni dwar jekk is-Sedja għandhiex id-dritt li timponi ħin dwar kemm Membru jista' jieħu biex jagħmel mistoqsija supplimentari. Is-Sedja qed tirreferi għal meta l-Onor. David Agius staqsa lis-Sedja b'liema dritt kienet tfiet il-mikrofonu tal-Kap tal-Oppożizzjoni meta l-Onor. Adrian Delia kien qed jagħmel mistoqsija supplimentari.

Dak il-ħin is-Sedja għamlitha ċara li l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra jagħtuha dan id-dritt u wkoll jitfgħu r-responsabbiltà fuq is-Sedja biex iżżomm l-ordni fil-Kamra. Dan joħroġ mill-Ordnijiet Permanenti 45, 46, 56 u 62. Se nikkwota dan l-aħħar Ordni Permanenti:

> "Fuq kwistjoni ta' ordni li tiġi mqanqla fil-Kamra ... l-iSpeaker għandu jagħti d-deċiżjoni tiegħu dwarha u dik id-deċiżjoni ma għandhiex tiġi diskussa matul dik is-seduta;"

salv kull proċedura oħra li jista' jsir rikors għaliha wara dik is-seduta.

Is-Sedja tagħmilha ċara wkoll li kif jindikaw l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, il-Membri Parlamentari huma kollha ugwali f'dik li hija applikazzjoni tal-istess Ordnijiet Permanenti tal-Kamra u m'hemm l-ebda distinzjoni bejn Membru u ieħor, inkluż jekk il-Membru inkwestjoni jkunx jagħmel parti min-naħa tal-Gvern jew tal-Oppożizzjoni, s'intendi ħlief fejn hemm regolamentazzjoni speċifika bħal fil-każ tal-interpellanzi u t-tweġibiet kif regolati mill-Ordnijiet Permanenti 26, 27 u 28.

Is-Sedja tirrileva wkoll li dwar il-mistoqsijiet parlamentari hija kellha diversi okkażjonijiet tesprimi ruħha f'mhux inqas minn disa' deċiżjonijiet li tat matul il-leġiżlatura preċedenti. Issemmi fosthom id-deċiżjonijiet numru 4 mogħtija fit-3 ta' Ġunju 2013, id-deċiżjoni numru 6 mogħtija fil-5 ta' Ġunju 2013, id-deċiżjoni numru 7 tat-12 ta' Ġunju 2013, id-deċiżjoni numru 9 tal-24 ta' Ġunju 2013, id-deċiżjoni numru 16 tal-22 ta' Jannar 2014, id-deċiżjoni numru 60 tad-9 ta' Diċembru 2015, id-deċiżjoni numru 77 tal-25 ta' April 2016, id-deċiżjoni numru 80 tas-17 ta' Mejju 2016 u d-deċiżjoni numru 92 tad-29 ta' Novembru 2016.

Din l-aħħar deċiżjoni kienet l-aktar waħda ċara fil-konfront ta' dak li ġara l-bieraħ meta l-Kap tal-Oppożizzjoni waqt li kien qed jagħmel mistoqsijiet supplimentari, b'mod pjuttost estensiv beda jagħmel diversi referenzi u stqarrijiet tant li s-Sedja għal darba, darbtejn, tlieta ġibdet l-attenzjoni tiegħu biex jgħaddi għad-domanda. Is-Sedja dak il-ħin innotat li għalkemm saru domandi, il-Kap tal-Oppożizzjoni baqa' xorta waħda jagħmel stqarrijiet fit-tul marbuta mal-istess domandi. Is-Sedja tixtieq tagħmel referenza għad-deċiżjoni tagħha tad-29 ta' Novembru 2016 fejn kienet stqarret b'mod ċar illi l-mistoqsija supplimentari m'għandhiex tkun f'forma ta' stqarrija iżda għandha tkun limitata għall-mistoqsija u nikkwota:

> "Is-Sedja tifhem li biex Membru jasal għad-domanda tiegħu, ikun hemm bżonn li jsiru ftit rimarki. Madankollu, is-Sedja tisħaq li dawn il-kummenti għandhom ikunu fil-qosor kemm jista' jkun u li l-Membru jgħaddi mill-ewwel għad-domanda supplimentari li wkoll għandha tkun fil-qosor. Fil-fatt, is-Sedja dejjem tipprova tara li dan isir."

Is-Sedja tirreferi wkoll għall-prassi użata fil-House of Commons u dan qed tagħmlu fl-assenza ta' regoli dwar il-mistoqsijiet supplimentari fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra u skont l-Ordni Permanenti 197 fejn jingħad li:

> "Fil-każijiet kollha li mhumiex regolati b'dawn l-ordnijiet permanenti, wieħed għandu jirrikorri għar-regoli, modi, użanzi u drawwiet tal-House of Commons tal-Parlament tar-Renju Unit, li għandhom jiġu segwiti safejn jistgħu jiġu applikati għall-proċeduri tal-Kamra, b'konsiderazzjoni xierqa għan-natura speċjali tal-Kostituzzjoni."

Is-Sedja għalhekk qiegħda tagħmel referenza għall-paġna 366 tal-24 edizzjoni tal-Erskine May Parliamentary Practice u tikkwota:

> "*In respect of a Minister's reply to the first topical question, the Speaker has indicated that this should normally take no more than one minute,*"
>
> "*A supplementary question may refer only to the answer out of which it immediately arises, must relate to government responsibility, must not be read or be too long, or quote from letters, should contain only one question, must not refer to an earlier answer or be addressed to another Minister and is governed by the general rules of order affecting all questions.*"

Is-Sedja għalhekk tixtieq tiċċara li kemm jista' jkun il-mistoqsijiet supplimentari m'għandhomx jieħdu aktar minn minuta, ikunu relatati mal-mistoqsija u t-tweġiba oriġinali u l-argumenti jkunu wkoll limitati fil-qosor b'mod li jwasslu malajr għall-mistoqsija.

Is-Sedja ma tista' qatt taċċetta li l-mistoqsijiet isiru qishom stqarrijiet u f'dan ir-rigward għandha kull dritt li tagħti direzzjoni lill-Ministru sabiex ma jirrispondix għal mistoqsija li ma ssirx f'forma ta' mistoqsija parlamentari. Dan, kif ukoll tagħmel meta tiġbed l-attenzjoni ta' Ministru meta t-tweġiba tiegħu tkun qed tieħu fit-tul.

Is-Sedja qiegħda tiċċara wkoll li fil-Kamra kulħadd huwa marbut bl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra.